MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Numru 1107/2004

Il-Pulizija
(Sp Trevor Sammut)
vs
Jurgen Attard, iben George,
imwieled Pieta' fit-30 ta'
lulju, 1977

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fis-7 ta' novembru, 2004 għal ħabta tas-2.00 p.m., fil-limiti tat-'Trade Fair Grounds', in-Naxxar, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-karozza tal-marka Fiat Punto, bin-numru tar-

reġistrazzjoni KBD 158, għad-dannu ta' Jason Spiteri, liema ħsara tammonta għal Lm183.95;

2. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Jason Spiteri;

3. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied;

4. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi, qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa jew kliem indeċenti, jew b'xi mod ieħor mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' frar, 2005 fejn l-imputat ħallas id-danni lil Jason Spiteri li min-naħa tiegħu rtira l-kwerela għal dak li jirrigwarda l-ewwel żewġ akkużi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-Prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda l-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra l-imputat u ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------